MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2003

Numru. 156/2003

Il-Pulizija
(Spettur Mario Tonna)
vs
Gianluca Torres

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fuq imsemmi Gianluca Torres, iben Vincenzo u Giuseppina nee' Mirabella, detentur tal-karta tal-identita Taljana 7516754 u karta tal-identita Maltija 18571A; li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fil-lejl ta' bejn is-7 ta' Dicembru u it-8 ta' Dicembru 2002 ittanta li ikkommetta serq minn gewwa il-fond St Anthony Triq is-Sejjiegh Swieqi a detriment ta' Mario Bonnici u minn gewwa l-fond Nru 17 Triq l-Ispiera Swieqi a detriment ta' Anthony Cachia, liema serq ma sehhx minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tal-imputat u dan ai termini tal-Artikolu 41(a), liema attentat ta' serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, bil-mezz u bil-hin u dan ai termini tal-

Artikolu 216, 263, 270, 267, 279(a)(b) u 281 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess lok, data, hin u taht l-istess cirkostanzi bil-hsieb li jikkommetti reat ezercita dritt li jippretendi li ghandu minghajr il-kunsens tas-sid tal-fond St Anthony, Triq is-Sejjiegh Swieqi (Mario Bonnici) u Nru 17 Triq l-Ispiera Swieqi (Anthony Cachia) u dan ai termini tal-Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess lok, data, hin u taht l-istess cirkostanzi bi hsara ta' sid jew tad-detentur ghamel hsara vjolazzjoni ohra kontra l-propjeta ta' Mario Bonnici u Anthony Cachia mis-Swieqi 340 (d) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli irrenda ruhu ricediv b'sentenzi li saru definittivi nhar it-8 ta' Jannar, 2000 mill-Magistrat Dr A Micallef Trigona LL.D. u fid-19 ta' Lulju 2000 mill-Magistrat Dr N Cuschieri LL.D. u aktar b'sentenza moghtija mill-Magistrat Dr Carol Peralta nhar il-14 ta' Frar 2000 fejn anke hemm ksur ta' ordnijiet mahruga mill-istess Magistrat rigward operat attiv ta' sentenza sospiza;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat iwiegeb illi ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja;

Semghet lill-imputat fuq imsemmi debitament assistit volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dana waqt is-seduta tas-7 ta' Marzu, 2003;

Il-Qorti, wara illi rat l-Artikoli 41 (1)(a), 261(b), 261(c), 261(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 279, 280, 17, 20, 85, 49, 50, 340(d), 31, 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat fuq imsemmi hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dana fuq ammissjoni tieghu stess;

Il-Qorti ikkunsidrat, ghall-fini ta' piena, it-trattazzjonijiet maghmula kemm mill-Prosekuzzjoni, kif ukoll mid-Difiza.

Il-Qorti ikkunsidrat b'mod specjali it-trattazzjoni maghmula mid-Difiza fis-sens illi skond id-difiza, ghandhom japplikaw favur l-imputat id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 28B(2) tal-Kap. 9, u dana peress illi l-imputat ghandu bzonn kura medika li tista tinghatalu l-Italja, kif ukoll minhabba l-fatt illi l-imputat ibaghti bil-marda tal-Hepatitis u ghalhekk jista jkun ta' riskju ghal detenuti ohrajn fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin.

Id-difiza issottomettiet ukoll illi missier l-imputat jinsab Malta u qieghed jinkorri spejjez konsiderevoli f'Malta u ghalhekk, ukoll fuq bazi umanitarja, ikun jaqbel illi l-imputat jirritorna lura f'pajjizu mal-familja tieghu.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti bdiet sabiex ezaminat l-fedina penali tal-imputat, illi kif qal l-istess Avukat Difensur, hija wahda preokkupanti ferm. Effettivament jirrizulta illi fil-perjodu ta' bejn Ottubru 1997 u Frar tas-sena 2001, jigifieri ftit aktar minn tlett snin, l-imputat gie misjub hati mill-Qrati taghna ta' diversi reati fosthom ta' pussess ta' droga eroina, ta' serq, ta' frodi etc. Huwa gie moghti mill-Qrati taghna diversi opportunitajiet sabiex jirriforma ruhu. Effettivament huwa inghata l-piena ta' liberazzjoni taht kundizzjoni darbtejn, gie ikkundannat ihallas multa tlett darbiet. Madanakollu huwa baqa jippersisti bil-hajja tieghu ta' kriminalita u finalment fl-14 ta' Frar, 2001 huwa gie moghti il-piena ta' prigunerija ta' tmintax il-xahar sospiza ghal sentejn. Madanakollu anqas minn ghaxar xhur wara illi gie moghti din l-opportunita mill-Qrati taghna, fejn anke kien gie imqieghed taht ordni ta' supervizzjoni u gie imqieghed taht il-kura u s-sorveljanza tal-Ufficjal tal-Probation Joanne Battistino, huwa ikkommetta r-reat in kwistjoni.

Ikkunsidrat :

Illi dwar ir-reat in kwistjoni huwa pertinenti illi jissemmew dawn il-punti :

Illi l-imputat instab fil-bitha tar-residenza numru 17 bl-isem ta’ ‘Fontainebleu’, Triq l-Ispira, Swieqi mis-sidien tal-istess residenza illi sabuh mixhut fl-art fil-bitha tar-residenza taghhom.

Irrizulta illi l-imputat kien dahal fil-fond imsemmi minn naha ta’ wara. Huwa l-ewwel dahal mill-bejt tal-fond terran, umbaghad baqa’ ghaddej fuq ic-cint sa kemm wasal fil-fond bl-isem ‘St Anthony’ u minn hemm hekk huwa setgha jixxabbat u facilment jaccedi ghal gewwa il-bitha tal-fond in kwistjoni.

Irrizulta wkoll illi l-imputat wegga billi ipprova jaccedi ghall-fond fi Triq l-Ispira billi qabez ghal fuq in-net li kienet taghti parzjalment fil-bitha tal-fond imsemmi bir-rizultat illi n-net cediet bih u l-imputat spicca fit-tarag tal-bitha tal-imsemmi fond.

Irrizulta wkoll illi hekk kif sehhew l-affarijiet huma kompatibbli mal-griehi li sofra l-imputat.

Illi dana kollu qieghed jinghad ghal zewg ragunijiet, l-ewwel nett l-imputat bl-ammissjoni tieghu ma iffacilitax ix-xoghol tal-prosekuzzjoni u dana peress illi, kif ghadu kif intqal, l-imputat instab fir-residenza tal-fond imsemmi mis-sidien tal-istess fond peress illi fl-attentat ta’ serq illi kien qieghed jaghmel f’din ir-residenza huwa waqa’, wegga’, waqa’ fil-bitha u ma setghax iqum u jahrab ‘l hemm.

Illi ghalhekk il-Prosekuzzjoni ma kellhiex bzonn l-ammissjoni tal-imputat sabiex jigi ippruvat dan ir-reat ghaliex effettivament huwa inqabad fil-fatt.

Illi t-tieni punt huwa illi l-imputat sofra l-griehi illi sofra kemm f’rasu, kif ukoll f’siequ tort unikament tieghu, u sofra l-griehi imsemmija u li ghalihom tant accenat id-difiza waqt il-kummissjoni ta’ dan ir-reat.

Illi waqt is-seduta tas-7 ta’ Marzu, 2003 id-difiza irregistrat ammissjoni u issottomettiet illi l-imputat ma ghandux jintbaghat il-habs peress illi l-imputat, skond id-difiza, kien ibaghti minn mard ta’ hepatitis u HIV u ghalhekk id-

Direttur tal-Facilita Korrettiva ta’ Kordin kien ser ikollu problema kbira jekk l-imputat jigi ikkundannat sabiex jiskonta sentenza ta’ prigunerija. Dan kollu jirrizulta a fol. 40 tal-process.

Illi in segwitu l-Qorti ordnat illi jitla jixhed id-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta’ Kordin, kif fil-fatt sar u irrizulta mix-xiehda illi ta, l-Ispettur Sandro Gatt, illi l-imputat ibaghti minn Hepatitis B, Hepatitis C u kif ukoll huwa HIV positiv u ghalhekk huwa xehed illi kien ser ikollu problema jekk dan l-imputat jigi karcerat sabiex l-istess imputat jigi detenut il-habs ta’ Kordin u dana anke minhabba illi fil-habs hemm il-problema ta’ omosesswalita u ghalhekk l-imsemmi mard setgha jinxtered.

Illi in segwitu ta’ din ix-xiehda l-Qorti ordnat illi jitilghu jixhdu l-Awtoritajiet Medici koncernati u effettivament waqt is-seduta tal-21 ta’ Marzu, 2003 xehed Dr David Cachia u qal illi minn testijiet illi saru l-imputat kien ibaghti mill-marda tal-Hepatitis C u ma kien sar l-ebda ezami sabiex jigi stabbilit jekk l-imputat kellux jew le l-marda tal-Hepatitis B jew jekk kienx gie misjub posittiv ghal HIV virus. Dana kollu ifisser illi l-Ispettur Sandro Gatt ma kienx infurmat sew, jew ma ivverifikax kif kellu fil-fatt jivverifika sew illi jekk l-imputat in kwistjoni ibaghti jew le mill-Hepatitis B u jekk huwiex HIV positive. Effettivament irrizulta <u>biss</u> illi l-imputat ibaghti mill-marda ta’ Hepatitis C, illi kif inhu risaput, hija marda ferm komuni fost drug users.

Illi fuq inkarigu moghti lilhom minn din il-Qorti diversament preseduta waqt il-prezentata tal-imputat, Dr Norbert Vella u s-Sur Lawrence Zrinzo ipprezentaw u halfu bil-gurament taghhom ir-relazzjoni taghhom, liema relazzjoni tinsab a fol. 44 sa fol. 46 tal-process.

Illi t-tobba ikkonkludew illi l-imputat kien qieghed ibaghti minn :

- “the marked severity of the footdrop,
- the easily elicitable and symetrical deep tendon reflexes at the ankles,
- right calf muscle atrophy and

- the absence of pyramidal signs in the clinical examination together with
- the relattively more significant parenchymal injuries in the right rather than in the left celebral hemisphere on the computed tomographic scans”,

u ikkonkludew illi “electromyographic studies would be worthwhile to determine whether a peripheral nerve injury lies at the aetiology of the right footdrop”.

Illi dawn iz-zewg esperti medici xehdu ukoll waqt is-seduta tas-7 ta’ Marzu, 2003 fejn qalu illi dehrilhom illi l-problema fir-rigel tal-lemin tal-imputat mhijiex gejja minn problema cerebrali, izda il-problema hija ta’ natura newrologika. Huma jissuspettaw illi hemm xi lezjoni fin-nervatura periferali u ghalhekk qeghdin jissuggerixxu li issir EMG fis-sieq biex b’hekk ikunu jistghu jaraw xi problemi hemm fin-nervaturi fis-sieq. Mill-aspett kliniku z-zewg tobba ma sabu l-ebda difett fil-mohh tal-imputat ta’ natura newrologika, izda sabu li ghandu “contusion”, jigifieri hsara fil-mohh illi bhal issa mhijiex timmanifesta ruhha, pero’ fix-xhur u fis-snin li gejjin tista tibda timmanifesta ruhha. Huma xehdu a fol. 43 tal-process, “Ma hemm l-ebda kura li jista jiehu, xi haga mir-riserva tal-mohh ittieklet permezz ta’ din il-lezjoni”. Izda dak li huwa relavanti huwa li fil-fatt l-imputat sofra dan id-difett meta <u>korra tort tal-agir kriminali tieghu</u>, u ma hemm <u>l-ebda kura</u> li jista jiehu ghaliha.

Illi fil-21 ta’ Marzu, 2003 a fol. 56 tal-process, rega’ xehed Dr Norbert Vella. Huwa qal illi t-test illi huwa kien irrakkommanda flimkien mas-Sur Zrinzo, l-“electromyography” tas-sieq tal-imputat, jista jsir f’Malta. Una volta isir dan it-test huma jistabilixxu ezatt fejn, hemm il-lezjoni, umbaghad tkun tista issir ‘physiotherapy’ u jekk ma jkunx hemm progress bil-‘physiotherapy’ jikkonsidraw ukoll operazzjoni. Dr Vella xehed li din l-operazzjoni tista issir hawn hekk u l-kuri u t-testijiet kollha illi semma kollha jistghu isiru f’Malta u b’hekk allura l-fatt illi l-imputat ikun karcerat f’Malta ifisser illi ma jkun hemm l-ebda konsegwenza detrimentali ghal sahhtu fis-sens illi dak kollu li l-imputat qieghed jghid li jista jaghmlu barra minn

Malta jista facilment kollox isir f'Malta u minghajr l-ebda hlas.

Illi l-Qorti ma tistax ma tinnutax ukoll il-fatt illi l-imputat fil-bidu ta' dawn il-proceduri dejjem kien isostni li ghandu kont bankarju li fih hemm somma depositata ta' ghaxart elef lira Maltin u ghalhekk huwa issottometta li jista forsi jigi ikkundannat ghall-hlas ta' multa, liema hlas tal-multa jkun jista jsir minn dan il-kont bankarju. Izda, meta l-Qorti ghamlet il-verifiki taghha u ordnat illi l-Prosekuzzjoni iharrek xhud tal-Bank of Valletta u effettivament waqt is-seduta tas-7 ta' Mejju ta' din is-sena xehed Paul Micallef illi jahdem fil-fergha tal-BOV ta' Rahal Gdid, dan xehed illi l-ammont kollu li kien hemm f'dan il-kont bankarju ittiehed u illi kull ma hemm fil-kont bankarju imsemmi huwa centezmu.

Illi waqt is-seduta tal-15 ta' Mejju xehed Dr Father Gino Cauchi, liema xiehda pero' mhijiex on tape. Father Cauchi huwa c-Chaplain tal-Kommunita Taljana f'Malta u iddikjara li kien dispost li jhallas xi multa li tista tigi inflitta mill-Qorti fuq l-imputat u dana peress illi kif diga intqal l-imputat ha l-flus kollha li kellu fil-kont bankarju u b'hekk lanqas biss ghandu flus sabiex ihallas xi multa, jekk il-Qorti qatt kienet ser tghaddi biex tikkundannah ghall-hlas ta' multa.

Il-Qorti tibda billi tiddikjara minghajr tlaqliq illi qatt ma kienet ser tasal biex tibghat lill-imputat lejn l-Italja u tordnalu semplicement sabiex ihallas multa u testendilu l-perjodu operativ tas-sentenza sospiza imposta fuqu fis-sena 2001.

Il-Qorti, wara li rat ukoll l-Artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 u senjatament l-Artikolu 28B (2), ma tara l-ebda cirkostanzi attenwanti illi jistghu iwassluha sabiex minflok ma taghmel l-ordni imsemmi fis-subartikolu (1) tal-Artikolu 28B tal-Kap. 9 taghmel ordni li permezz tieghu tvarja l-ordni originali maghmula minn din il-Qorti diversament preseduta u tissostitwixxi l-perjodu operattiv ta' dik is-sentenza sospiza f'perjodu iehor.

Illi f'dan il-kaz kif diga kellha okkazzjoni illi tirrimarka l-Qorti l-imputat wera car u tond illi ma riedx jahtaf id-diversi opportunitajiet moghtija lilu mill-Qrati taghna sabiex jirriforma hajtu. Huwa lanqas ma wera per ezempju li ried jeghleb il-problema tieghu tal-abbuz ta' droga u almenu jibda xi programm ghar-riabilitazzjoni tad-droga, u dana qabel ovvjament ma ikkommetta r-reat in kwistjoni.

Illi kif diga intqal il-griehi illi sofra l-imputat waqt illi kien qieghed jipprova jikkommetti r-reat in kwistjoni, huwa sofrihom tort unikament tieghu. Pero', apparti minn hekk, jew ma hemmx kura ghall-griehi illi sofra, jew inkella jekk hemm din il-kura din tista' facilment tinghata f'Malta fl-isptarijiet taghna u dana kif xehdu l-esperti medici mahtura mill-Qorti diversament preseduta waqt il-prezentata.

Illi apparti minn dan kollu l-imputat la huwa HIV positive u lanqas ma ghandu l-Hepatitis B. Kif diga intqal, huwa isofri mill-marda ta' Hepatitis C, problema komuni fost drug abusers u Alla hares din il-Qorti kellha tohloq xi precedent fejn kull min ghandu il-marda tal-hepatitis kemm B jew C ma jistax jigi karcerat.

Illi mhuwiex kompitu ta' din il-Qorti sabiex tara jekk hemm jew le il-facilitajiet fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin sabiex detenuti li jkunu qeghdin ibaghtu mill-marda hepatitis C jigu karcerati u kif ghandhom jigu segregati, forsi, minn habsin ohrajn. Il-Qorti ma tistax ma tikkundannax persuna ghal prigunerija jekk hekk ikun haqqha semplicement ghaliex ma hemmx il-facilitajiet necessarji fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin.

Illi l-Qorti tibda billi tiddikjara illi mhijiex sodisfatta li ma hemmx dawn il-facilitajiet u tiddikjara li lanqas li kieku ma hemmx il-facilitajiet mhuwiex kompitu ta' din il-Qorti sabiex tidhol f'dan il-meritu u jekk il-Qorti thoss illi persuna ghandha tigi karcerata l-Qorti hekk sejra taghmel, bhal ma hi ser taghmel fil-kaz odjern. Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, wara li l-Qorti rat l-Artikoli kollha kif intqal aktar 'il fuq f'dan il-gudikat u wara wkoll li iddikjarat illi fuq ammissjoni tieghu l-imputat gie misjub

hati tar-reati kollha migjuba kontra tieghu l-Qorti l-ewwel nett tibda billi ai termini tal-Artikolu 28B(1) tal-Kap. 9 tordna illi s-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-14 ta' Frar, 2001, liema sentenza kienet sospiza, tibda issehh minn issa. Inoltre il-Qorti tikkundanna lill-imputat fuq imsemmi, misjub hati kif diga intqal ghall-prigunerija ta' tmintax il-xahar. Il-Qorti tordna illi z-zmien kollu illi l-imputat ghamel taht arrest preventiv jitnaqqas minn dan il-perjodu ta' prigunerija.

Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 u tordna illi l-hati jhallas l-ispejjez kollha li kellhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti f'dan il-kaz fi zmien xahar minn meta jigi hekk interpellat biex jaghmel mir-Registratur tal-Qorti.

-------------------------------TMIEM-------------------------------